MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35/2026-9

It-Tnejn, 28 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ (Għawdex) iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, li jinsab fi Triq il-Knisja, nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2026, fit-3.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsillier Nicky Saliba talab apoloġiji peress li ma jistax jattendi.

35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Peress li l-minuti tal-laqgħa numru 34/2026-9 kienu ġew ċirkulati minn qabel, dawn tqiesu bħala moqrija.

35.2.2 Is-Sindku staqsa jekk kinx hemm xi korrezzjonijiet mill-minuti.

35.2.3 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni u għalhekk il-minuti ġew approvati mill-membri.

35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku ppropona, u l-membri qablu, li jinbeda l-proċess biex tintalab għajnuna finanzjarja mill-Awtorità tal-Ippjanar (DPF Funds) għall-bini ta' bankini u ħitan fi Triq is-Salini u fi Triq in-Naħla f'Marsalforn.

35.3.2 Is-Sindku ppropona, u l-membri qablu, li fl-ewwel jum tal-iskola jitqabbad animatur u jingħata rigal żgħir lill-istudenti.

35.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li ż-żebra crossing fi Pjazza l-Assunta se jkollha titneħħa peress li fejn ġiet proposta fil-pjanta ta' riġenerazzjoni tal-pjazza hemm binja ġdida b'garaxx u ukoll hemm ser ikun qed jiftaħ ħanut ġdid fejn diġa qeda. Il-membri qablu.

35.3.4 Is-Sindku ppropona, u l-membri qablu, li tiġi organizzata ħarġa f'Malta għar-residenti flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija taż-Żebbuġ għan-Notte Bianca f'Malta.

35.3.5 Is-Sindku ppropona, u l-membri qablu, li tiġi organizzata sessjoni informattiva u laqgħa soċjali għall-anzjani.

35.3.6 Ġie propost li, bħal kull sena, tiġi organizzata attività għall-Istrina f'Marsalforn u wara attività fi Pjazza l-Assunta. Il-membri qablu.

35.3.7 Is-Sindku ppropona, u l-membri qablu, li jiżdiedu l-fanali fi Triq Lifurna fuq il-bankina, u Manuel Magro, peress li t-triq hija mudlama.

35.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li s-Sub-post Office qed jitmexxa minn ħaddiema tal-CWS. Spjega li fil-bidu din il-ħaddiema ntbagħtet fl-uffiċċju tal-Kunsill f'Marsalforn, iżda l-FSWS ma aċċettawhiex u għalhekk ġie deċiż li tieħu ħsieb is-servizz postali. Il-Kunsilliera Marlene Cini ġibdet l-attenzjoni li mis-Sub-post Office għandu jingħata wkoll is-servizz tar-*return post*. Is-Sindku wieġeb li, għalissa, qed jingħataw is-servizzi tal-ħlas tal-kontijiet u tal-ġbir tal-pakketti.

35.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li, peress li l-attività tal-Halloween ma tistax issir fil-Wied ta' Marsalforn, il-Ministeru għal Għawdex ma approvax finanzjament mill-Fondi Kulturali. Għalhekk, huwa ppropona li jintwera film, jinxtaraw il-ħelu u tiġi organizzata attività ta' *trick-or-treat* b'differenza.

35.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

35.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

35.4.1.1 Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat tfakkira lill-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xogħlijiet ta' ristrutturar fi Triq Ta' Ċenċ u fi Triq Għajn Mħelħel.

35.4.1.2 Il-Viċi Sindku rringrazzja formalment lill-Ministeru għal Għawdex, lil Infrastructure Malta u lill-kuntrattur għar-rikostruzzjoni tal-islipway fil-Bajja tal-Qbajjar. Talab ukoll li l-Wied jitnaddaf mir-ramel u li jiżdiedu l-lasktu u l-ħoloq mal-moll tal-islipway.

35.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dr Marlene Cini*

35.4.2.1 Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini talbet għal *1m double yellow line* fi Triq Skappuċċina, quddiem in-numru 21. Il-membri qablu.

35.4.2.2 Talbet ukoll li, ħdejn l-islipway tal-Qbajjar, jiġi installat wieħed mis-slielem qodma matul ix-xhur tax-xitwa, peress li ħafna nies jibqgħu jgħumu matul is-sena kollha.

35.4.2.3 Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ġibdet l-attenzjoni li fi tmiem il-ġimgħa jkun hemm ħafna traffiku fi Pjazza l-Assunta minħabba parkeġġ bl-addoċċ. Hija ċċarat li ma għandhiex l-intenzjoni li tfixkel ix-xogħol ta' ħadd. Wara diskussjoni, il-membri qablu li jintalab parir mingħand Transport Malta dwar x'jista' jsir biex tissolva din il-problema.

35.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

Il-Kunsillier Mario Portelli ma kellu xejn x'iżid.

35.5 Approvazzjoni Q2 - Rapport ta' kull kwart tas-sena

Ġie ppreżentat ir-rapport Q2. L-accountant tal-Kunsill spjega li l-Kunsill nefaq aktar milli daħħal. Sal-aħħar ta' Ġunju 2026, id-dejn kien ta' €119,420 u l-FSI kien ta' -20%. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill jeħtieġ joqgħod aktar attent fl-infiq. Wara diskussjoni, ir-rapport ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

35.6 Approvazzjoni tal-Annual Report & Financial Statements 2025

Ġie ppreżentat ir-Rapport Annwali Awditjat u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji għall-2025, mibgħuta mill-awdituri. Dawn ikkonfermaw iċ-ċifri inklużi mill-Kunsill fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu. Il-Kunsill temm is-sena b'defiċit ta' €10,575, filwaqt li d-dejn f'Diċembru 2025 kien ta' €148,000. Ir-rapport ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

35.7 Materji oħra

35.7.1 Waslet korrispondenza mingħand Emmanuel Agius, li informa lill-Kunsill li matul il-lejl tat-18 ta' Settembru 2026, fis-2.00 ta' filgħodu, insterqu xi papri. Il-każ ġie rrapportat lill-Pulizija u lill-Animal Welfare. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-Wied jitnaddaf mill-imbarazz.

35.7.2 Waslet talba mingħand Wise Owl biex dawk interessati jkunu jistgħu jikru s-sala għal fiera tal-kotba li tkun miftuħa mill-Ħamis sal-Ħadd. Il-membri pproponew li tinkera s-Sala taċ-Ċentru u li jiġi informat l-Arċipriet.

35.7.3 Saret talba biex fi Triq ix-Xwejni jinżebgħu fuq l-art il-marki tal-veloċità ta' 30 km/h, peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

35.7.4 Saret talba biex titwaħħal mera fl-ewwel liwja f'Wied l-Infern, min-naħa taċ-ċimiterju. Il-membri qablu li l-mera għandha titwaħħal.

35.7.5 L-Iskola Primarja taż-Żebbuġ infurmat lill-Kunsill li l-bieb prinċipali se jiġi rilokat fi Triq Ġoma. Din il-parti tat-triq se tingħalaq waqt id-dħul u l-ħruġ mill-iskola. Il-membri qablu fil-prinċipju, bil-kundizzjoni li l-vetturi li jkunu diġà pparkjati jkunu jistgħu jibqgħu fejn ikunu, iżda ma jkunux jistgħu jiċċaqalqu waqt id-dħul u l-ħruġ mill-iskola.

35.7.6 Waslet talba mingħand l-MTA biex il-Kunsill jieħu sehem fil-UN Best Tourism Villages Award. Il-membri qablu li Marsalforn jiġi inkluż flimkien maż-Żebbuġ, peress li huma meqjusa bħala lokalità waħda.

35.7.7 Waslet talba mingħand P. Mallia, residenti fi Triq in-Naħla, biex tinżebagħ *yellow junction box* quddiem id-daħla tal-flats sabiex ikun jista' jgħaddi b'siġġu tar-roti. Il-membri talbu kopja tal-*blue badge* qabel ma jressqu talba lil Transport Malta.

35.7.8 Saret talba biex titneħħa l-linja doppja safra quddiem il-Calypso fi Triq Għar Qawqla, minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ. Il-membri qablu.

35.7.9 Il-kuntrattur li jiġbor l-iskart bl-iskammel ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Ponta nbniet gallerija li toħroġ 'il barra u qed tostakola l-passaġġ tal-iskammel. Il-Viċi Sindku ppropona li l-każ jitressaq għall-attenzjoni tar-Reġjun Għawdex u li, jekk ikun meħtieġ, jintuża skammel iżgħar. Il-membri qablu.

35.7.10 Waslet korrispondenza mingħand il-YEP li permezz tagħha s-Sindku ġie mistieden għal-laqgħa tad-delegazzjoni f'Dar Malta, fi Brussell, fit-13 ta' Ottubru 2026. Il-membri qablu li s-Sindku jattendi.

35.7.11 Wasal komunikat mingħand Transport Malta li informa lill-Kunsill b'talbiet għal postijiet ta' parkeġġ riżervati u personalizzati fi Triq ir-Rabat, minn A. K. Doublet, u fi Triq ix-Xagħra, minn M. Camenzuli. Il-membri nnutaw il-kontenut tal-korrispondenza.

35.7.12 Talba għall-akkumulazzjoni tal-leave mill-2026 għall-2027 għall-ħaddiema tal-Kunsill:
D. L. Azzopardi – 87.5 siegħa
J. Sultana – 70 siegħa
A. Bugeja – 54 siegħa
R. Attard – 108 sigħat
O. Camilleri – 108 sigħat
F. Cefai – 94 siegħa
Il-membri approvaw it-talba.

35.7.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-aħħar ġurnata ta' xogħol ta' L. Zammit Borg bħala Administration Officer II mal-Kunsill ser tkun it-30 ta' Settembru 2026. Fl-1 ta' Ottubru 2026, A. Bugeja għandha tibda taħdem minflokha. Il-membri qablu li tinxtara tifkira biex tingħata lis-Sinjura Zammit Borg.

35.7.14 Ġie sottomess Project Statement għall-Wied ta' Marsalforn b'rabta mal-papri. Il-membri qablu fil-prinċipju, ma qajmu l-ebda oġġezzjoni u qablu li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

35.7.15 Waslet talba mingħand L. Buttigieg biex quddiem il-garaxxijiet ta' Hillock fi Triq il-Qolla s-Safra tinżebagħ il-kelma "KEEP CLEAR". Il-membri qablu.

35.7.16 Saret talba biex jinbidel ir-railing li nkiser fi Ġnien il-Wied. Il-membri qablu li tingħabar kwotazzjoni.

35.7.17 Saret talba biex jiżdiedu d-dwal mal-bini fi Triq Manwel Magro. Il-membri qablu fil-prinċipju, bil-kundizzjoni li jkun hemm l-approvazzjoni tas-sidien.

35.7.18 Waslet talba mingħand B. Muscat biex jitwaħħal fanal fi Sqaq Għażżiela, peress li hemm nuqqas ta' dawl. Il-membri qablu.

35.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti numru 27/2026 għall-perjodu ta' Settembru 2026, li tammonta għal €142,937.36, ġiet approvata mill-membri preżenti.

35.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fl-4.50 ta' filgħaxija. Is-seduta li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026, fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv